

## ANNEX IV

## Lista msemmija fl-Artikolu 20 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni: adattamenti supplementari lil atti adottati mill-istituzzjonijiet

## AGRIKOLTURA

## A. LEĠISLAZZJONI AGRIKOLA

## 1. Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, Parti Tlieta, Titolu II, Agrikoltura

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, u wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew, għandu jemenda r-Regolament li jiggverna l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u b'hekk jiġu adattati l-kwoti taz-zokkor u ta' l-isoglukosju, u l-ħtiġijiet massimi ta' forniment għall-importazzjonijiet ta' zokkor mhux raffinat, kif stabbilit fl-iskeda li ġejja li tista' tiġi adattata bl-istess mod bħall-kwoti għall-Istati Membri attwali, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipji u l-għanijiet ta' l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor fis-seħħ f'dak iż-żmien.

## Kwantitajiet miftiehma

	<i>(ftunnellati metriċi)</i>	
	Bulgarija	Rumanija
Kwantità bażika għaz-zokkor <sup>(1)</sup>	4 752	109 164
li minnha: A	4 320	99 240
B	432	9 924
Ħtiġijiet massimi ta' forniment (espressi f'zokkor abjad) għall-importazzjonijiet ta' zokkor mhux raffinat	198 748	329 636
Kwantità bażika għall-isoglukosju <sup>(2)</sup>	56 063	9 981
li minnha: A	56 063	9 790
B	0	191

<sup>(1)</sup> Ftunnellati metriċi ta' zokkor abjad.

<sup>(2)</sup> Ftunnellati metriċi ta' materjal niexef.

Jekk ikun mitlub mill-Bulgarija fl-2006, il-kwantitajiet bażiċi għaz-zokkor A u B hawn fuq imsemmija għandhom jiġu trasferiti għall-kwantitajiet bażiċi għall-isoglukosju A u B rispettivi tal-Bulgarija.

2. 31998 R 2848: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2848/98 tat-22 ta' Diċembru 1998 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2075/92 dwar l-iskema ta' *premium*, kwoti ta' produzzjoni u l-ghajjuna speċifika li għandha tingħata lill-gruppi ta' produttori fis-settur tat-tabakk mhux maħdum (ĠU L 358, 31.12.1998, p. 17), kif emendat bi:

— 31999 R 0510: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 510/1999 tat-8.3.1999 (ĠU L 60, 9.3.1999, p. 54),

— 31999 R 0731: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 731/1999 tas-7.4.1999 (ĠU L 93, 8.4.1999, p. 20),

— 31999 R 1373: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1373/1999 tal-25.6.1999 (ĠU L 162, 26.6.1999, p. 47),

— 31999 R 2162: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2162/1999 tat-12.10.1999 (ĠU L 265, 13.10.1999, p. 13),

— 31999 R 2637: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2637/1999 ta' l-14.12.1999 (ĠU L 323, 15.12.1999, p. 8),

— 32000 R 0531: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 531/2000 ta' l-10.3.2000 (ĠU L 64, 11.3.2000, p. 13),

— 32000 R 0909: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 909/2000 tat-2.5.2000 (ĠU L 105, 3.5.2000, p. 18),

— 32000 R 1249: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1249/2000 tal-15.6.2000 (ĠU L 142, 16.6.2000, p. 3),

— 32001 R 0385: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 385/2001 tas-26.2.2001 (ĠU L 57, 27.2.2001, p. 18),

— 32001 R 1441: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1441/2001 tas-16.7.2001 (ĠU L 193, 17.7.2001, p. 5),

— 32002 R 0486: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 486/2002 tat-18.3.2002 (ĠU L 76, 19.3.2002, p. 9),

— 32002 R 1005: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1005/2002 tat-12.06.2002 (ĠU L 153, 13.6.2002, p. 3),

— 32002 R 1501: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1501/2002 tat-22.08.2002 (ĠU L 227, 23.8.2002, p. 16),

— 32002 R 1983: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1983/2002 tas-7.11.2002 (ĠU L 306, 8.11.2002, p. 8),

— 32004 R 1809: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1809/2004 tat-18.10.2004 (ĠU L 318, 19.10.2004, p. 18).

Fejn ikun il-każ u bl-użu tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 23 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2075/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tat-tabakk mhux ipproċessat <sup>(1)</sup>, il-Kummissjoni għandha sa l-adeżjoni tadotta l-emendi neċessarji għal-lista Komunitarja taż-żoni ta' produzzjoni rikonoxxuti stabbiliti fl-Anness II mar-Regolament (KE) Nru. 2848/98, sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġu inseriti f'dik il-lista ż-żoni ta' produzzjoni tat-tabakk indikati Bulgari u Rumani.

3. 32003 R 1782: Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru. 2019/93, (KE) Nru. 1452/2001, (KE) Nru. 1453/2001, (KE) Nru. 1454/2001, (KE) Nru. 1868/94, (KE) Nru. 1251/1999, (KE) Nru. 1254/1999, (KE) Nru. 1673/2000, (KEE) Nru. 2358/71, u (KE) Nru. 2529/2001 (ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1), kif emendat bi:

<sup>(1)</sup> ĠU L 215, 30.7.1992, p. 70.

- 32004 R 0021: Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 21/2004 tas-17.12.2003 (ĠU L 5, 21.3.2001, p. 8),
  - 32004 R 0583: Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 583/2004 tat-22.3.2004 (ĠU L 91, 30.3.2004, p. 1),
  - 32004 D 0281: Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/281/KE tat-22.3.2004 (ĠU L 93, 30.3.2004, p. 1),
  - 32004 R 0864: Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 864/2004 tad-29.4.2004 (ĠU L 161, 30.4.2004, p. 48).
- (a) Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, u wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew, għandu jadotta d-disposizzjonijiet neċessarji għall-Bulgarija u għar-Rumanija sabiex l-għajjnuna għaż-żrieragħ tiġi integrata fl-iskemi ta' appoġġ stabbiliti fit-Titolu III, Kapitolu 6, u Titolu IV A tar-Regolament (KE) Nru. 1782/2003.
- (i) Dawn id-disposizzjonijiet se jinkludu emenda lill-Anness XIA "Limiti massimi ta' l-għajjnuna għaż-żrieragħ fl-Istati Membri l-ġodda msemmija fl-Artikolu 99(3)" tar-Regolament (KE) Nru. 1782/2003, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 583/2004, kif ġej:

## "ANNESS XIA

**Limiti massimi ta' l-għajjnuna għaż-żrieragħ fl-Istati Membri l-ġodda msemmija fl-Artikolu 99(3)**

(EUR miljuni)

Sena Kalendarja	Bulgarija	Repubblika Ċeka	Estonja	Ċipru	Latvja	Litwanja	Ungerija	Malta	Polonja	Rumanija	Slovenja	Slovakkja
2005	-	0,87	0,04	0,03	0,10	0,10	0,78	0,03	0,56	-	0,08	0,04
2006	-	1,02	0,04	0,03	0,12	0,12	0,90	0,03	0,65	-	0,10	0,04
2007	0,11	1,17	0,05	0,04	0,14	0,14	1,03	0,04	0,74	0,19	0,11	0,05
2008	0,13	1,46	0,06	0,05	0,17	0,17	1,29	0,05	0,93	0,23	0,14	0,06
2009	0,15	1,75	0,07	0,06	0,21	0,21	1,55	0,06	1,11	0,26	0,17	0,07
2010	0,17	2,04	0,08	0,07	0,24	0,24	1,81	0,07	1,30	0,30	0,19	0,08
2011	0,22	2,33	0,10	0,08	0,28	0,28	2,07	0,08	1,48	0,38	0,22	0,09
2012	0,26	2,62	0,11	0,09	0,31	0,31	2,33	0,09	1,67	0,45	0,25	0,11
2013	0,30	2,91	0,12	0,10	0,35	0,35	2,59	0,10	1,85	0,53	0,28	0,12
2014	0,34	2,91	0,12	0,10	0,35	0,35	2,59	0,10	1,85	0,60	0,28	0,12
2015	0,39	2,91	0,12	0,10	0,35	0,35	2,59	0,10	1,85	0,68	0,28	0,12
2016	0,43	2,91	0,12	0,10	0,35	0,35	2,59	0,10	1,85	0,75	0,28	0,12
snin sussegwenti	0,43	2,91	0,12	0,10	0,35	0,35	2,59	0,10	1,85	0,75	0,28	0,12"

- (ii) L-allokazzjoni ta' kwantitajiet massimi nazzjonali ta' żrieragħ li fuqhom hija pagabbli l-ghajjnuna hija kif ġej:

*Allokazzjoni miftiehma ta' kwantitajiet massimi nazzjonali ta' żrieragħ li fuqhom hija pagabbli l-ghajjnuna*

	<i>(ftunnellati metriċi)</i>	
	Bulgarija	Rumanija
Żerriegħa tar-ross ( <i>Oryza sativa</i> L.)	883,2	100
Żerriegħa oħra barra ż-żerriegħa tar-ross	936	2 294

- (b) Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, u wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew, għandu jadotta d-disposizzjonijiet meħtieġa għall-Bulgarija u r-Rumanija sabiex l-ghajjnuna għat-tabakk tiġi integrata fl-iskemi ta' appoġġ stabbiliti fit-Titolu III, Kapitolu 6, u t-Titolu IV A tar-Regolament (KE) Nru. 1782/2003.

L-allokazzjoni miftiehma tal-limiti ta' garanzija nazzjonali għat-tabakk hija kif ġej:

*Allokazzjoni miftiehma tal-limiti ta' garanzija nazzjonali għat-tabakk*

	<i>(ftunnellati metriċi)</i>	
	Bulgarija	Rumanija
Total li minnu:	47 137	12 312
I <i>Flue-cured</i>	9 023	4 647
II <i>Light air-cured</i>	3 208	2 370
V <i>Sun-cured</i>		5 295
VI <i>Basmas</i>	31 106	
VIII <i>Kaba Koulak</i>	3 800	

#### B. LEĠISLAZZJONI VETERINARJA U FITOSANITARJA

31999 L 0105: Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar it-tqegħid fis-suq ta' materjal forestali riproduttiv (ĠU L 11, 15.1.2000, p. 17).

Fejn huwa meħtieġ u konformement mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(3) tad-Direttiva 1999/105/KE, il-Kummissjoni għandha tadatta l-Anness I ta' dik id-Direttiva fir-rigward ta' l-ispeċi forestali *Pinus peuce* Griseb., *Fagus orientalis* Lipsky, *Quercus frainetto* Ten. u *Tilia tomentosa* Moench.